MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 37/2013

**Source Marketing Solutions Limited – C 30275**

**vs**

**BAR CELONA Beach Co Ltd – C 52674**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Jannar 2013, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, mija u disa’ Ewro erbgha u tmenin centezmi (€2,109.84c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex s-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, s-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduti tal-4 ta’ Gunju

2013 u tal-15 ta’ Ottubru 2013, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, mija u disa’ Ewro erbgha u tmenin centezmi (€2,109.84c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis- socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------